**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 137 tal-10 ta' Novembru 1997 fil-konfront ta' kliem li ntqal mill-Prim Ministru**

**RULING TA' MADAM SPEAKER**

Paragrafu (b) tas-subartiklu 11 (4) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi jgħid li:

> "kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt ta' l-insult jew in-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

F'dan il-każ huwa dan il-paragrafu li *prima facie* seta' ġie miksur. Għaldaqstant is-Sejda tirriferi dan il-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.